**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Hamis 14 ta' Frar 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1795/01**

**E. Grech Cristal Bath Ltd**

**vs**

**Emanuel Schembri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm123.82 (mija u tlieta u ghoxrin liri u tnejn u tmenin centezmu) dovuta lill-attur in konnessjoni mal-bejgh u konsenja ta' diversi oggetti li saru fuq ordni ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut minn PL Madeline Firman bil-gurament;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm123.82 (mija u tlieta u ghoxrin liri u tnejn u tmenin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata. Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**